# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2001.**

**Kawza Numru: 3**

**Citaz. Nru. 2378/00GV**

Doc. 169-01

**Galaxy Holiday Resorts Limited**

**vs**

**Imnaria Ventures Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-kumpanija konvenuta hija debitrici tai-kumpanija attrici versu s-somma ta' elfejn tmien mija u hdax-il Iira Maltin u hamsin centezmu (Lm2,811.50) liema ammont hu dovut ghas-servizzi ta' *lodgings* pprestati lilha fuq ordni taghha stess.

Premess illi l-kumpanija konvenuta, ghalkemm interpellata kemm il-darba sabiex thallas anke permezz ta' ittra ufficjali datata l-ewwel (1) ta' Gunju, 2000, baqghet inadempjenti;

Premess illi jezistu l-elementi rikjesti mill-ligi *ai termini* tal-artikoli 167 sa 170 tal--

Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Clviii, *stante* li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija attrici l-kumpanija konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont u l-kumpanija attrici qieghda tannetti affidavit immarkata Dok. A a tenur ta' l-istess Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

Ghalhekk il-kumpanija attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2,811.50).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata l-ewwel (1) ta' Gunju, 2000 kif ukoll bl-imghax legali mid-data tal-prestazzjoni tas-servizzi sal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol.15 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici hija irritwali u nulla stante illi li l-affidavit prezentat kontestwalment mac-citazzjoni premessa ma jikkonfermax il-fatti li jsostnu t-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta izda fil-konfront ta' socjeta' ohra li ma ghandha ebda rabta jew konnessjoni mas-socjeta' konvenuta, u *in ogni caso* l-attur nomine ma ddikjarax li huwa jaf bil-fatti allegati minnu personalment;

2. Illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni, jekk stess huwa dovut lis-socjeta' attrici, ma huwiex dovut mis-socjeta' konvenuta billi din ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li dina l-Qorti tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh. Dina t-talba ma ntlaqatx billi l-konvenuti nghataw zmien biex jaghmlu l-eccezzjonijiet taghhom.

L-atturi talbu wkoll li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,811.50.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew**:** dwar l-ewwel eccezzjoni Dr. Vassallo kien talab s-sostituzzjoni tad-dikjarazzjoni guramentata mac-citazzjoni billi saret bi zball u dina giet sostitwita b'dikjarazzjoni ohra a fol. 14.

Fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li l-ammont jekk stess huwa

dovut mhux mis-socjeta' konvenuta billi dina m'ghandha ebda' relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

**PROVI**

**Martin Farrugia Randon** xehed li hu jahdem bhala *sales manager* mas-socjeta' attrici. Il-konvenuti kienu *handling agents* u *tour operators* u kienu jgibu gruppi ta' turisti u individwi mir-Russja. Kienu jaghmlu *reservations* fil-lukanda taghhom imbaghad f'daqqa wahda waqfu milli jhallsu. Huma kienu jhallsu *on account b'cheques* ta' Imnaria Ventures. Personalment kien jinnegozja ma' Joe Abela li huwa direttur ta' Imnaria Ventures. Kellu mieghu lit-tifel tieghu Daniel u mpjegati ohra u kellhom ufficju Qui Si Sana. Hu kien icempel lil Abela u dana kien jghidlu li l-flus qeghdin ir-Russja. L-ammont li qed jitolbu hu ghall-perjodu 1998 - 1999. Abela qatt ma nnega li ghandu jaghtina, imma semma biss il-kwistjoni tal-flus Russi li waqalhom il-valur. Hu ezebixxa korrispondenza li ghaddiet bejnithom li tinkludi *invoices, statements u reservations* li saru minn Imnaria Ventures.

Fuq kontroezami wiegeb li kien hemm arrangament bil-miktub bejnithom. Hu kien jiftiehem mas-Sur Abela u mar-rapprezentanti tieghu, bhat tifel tieghu. Hu kien jiltaqa' mas-Sur Abela kemm fl-ufficju tieghu kif ukoll fl-ufficju ta' Imnaria Ventures. Huma kienu jircievu *r-reservations* minghand Imnaria Ventures u dejjem iffirmati minn Joe Abela u l-impjegati tieghu.

**Joe Abela** xehed li hu *sole director* ta' Imnaria Ventures Ltd. Hu m'ghandux *records* ta' Imnaria Voyage ghalkemm hemm il-firem tieghu fuq l-*invoices*. Imnaria Voyage hija kumpanija maghmula minn partners Russi. Dawn kienu joperaw mill-ufficju ta' l-Imnaria Ventures. Kellhom kamra fl-ufficju tieghu. Kienet kamra separata. Hu kellu *computer network* fl-ufficju u ma kienx jistenna li Aliona Elzarova ser tibghat fuq Imnaria Ventures. Daniel Abela kien jahdem fis-sajf. Kien jahdem mar-Russi. L-invoices iffirmati minn Daniel Abela qeghdin fuq Imnaria

Ventures bi zball. Ota International kienu talbu biex jaghmel *payments* mill-account tieghu ghax huma ma kellhomx account hawnhekk.

Fuq kontroezami wiegeb li meta jircievi flus minn Moscow hu jhallas. Imnaria Ventures m'ghandiex x'taqsam mat-turizmu. L-*invoices* li hargu fuq Imnaria Ventures hargu bi zball. Hemm *voucher* ukoll iffirmat minnu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Martin Farrugia Randon xehed li r-*reservations* kienu jsiru mill-konvenuti. Hu dejjem innegozja ma' Joe Abela. Dan fil-fatt kien ihallas *on account* tar-*reservations* li jkun ghamel b'*cheques* tal-Imnaria Ventures (ara fol. 26). Hu kien ukoll jinnegozja mat-tifel tieghu Daniel u ma l-impjegati tal-konvenut li kienu jahdmu fl-ufficju ta' Qui si sana. Abela qatt ma cahad li kellu jaghtih imma kien jghidlu biss li kien qed jistenna flus mir-Russja u li l-valur tar-rublu kien waqa'. Abela fix-xhieda tieghu jghid li meta jaslu l-flus mir-Russia hu jhallas.

L-atturi ezibew *invoices, statements* u *reservations* li saru minn Imnaria Ventures u ftit minnhom anke ffirmati minn Joe Abela stess (ara fol. 40). Dawn kienu ghall-akkomodazzjoni ghat-turisti mentri fix-xhieda tieghu Abela jghid li Imnaria Ventures m'hiex imdahhla fit-turizmu. Il-konvenut qed isostni wkoll li r-*reservations* li hargu minn Imnaria Ventures hargu bi zball. Dan pero mhux verosimili billi r-*reservations* saru aktar minn darba. Ara per ezempju r-*reservations* ta' Imnaria Ventures Ltd. a fol. 28, 29 minn Bella Giordimaina mill-ufficju taghhom. Saru wkoll *reservations* minn Imnaria Ventures Ltd. a fol. 35, 39, 45 minn Elizarova Aliona; *reservation* minn Joe Abela stess ghan-nom ta' Imnaria Ventures Ltd. a fol. 40.

Saru wkoll *reservations* minn Imnaria Voyage Ltd. a fol. 30, 31, 36 (Aliona); a fol. 32, 37 (Daniel Abela); a fol. 33, 34, 38, 41 (Andrey Shastin) u minn Ota

International a fol. 43, 44.

Dwar ir-*reservations* minn Imnaria Voyage, il-konvenut qal li dawn hadulu t-*template*. Dawn kienu jahdmu fl-ufficju tal-konvenut, u l-atturi m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma dak li gara. Din hi haga, li jekk verament grat, ghandu jaraha l-konvenut maghhom u mhux ma' l-atturi.

Dwar l-Ota International il-konvenut xehed li hu kien jaghmel pagamenti ghan-nom taghhom ghax dawn ma kellhomx *account* Malta. L-istess haga jista' jinghad hawnhekk billi l-atturi kienu qed jinnegozjaw ma' Joe Abela u lilu biss kienu jafu u kien hu li qed jordna u jhallas. L-atturi qatt ma kellhom relazzjoni ma' Ota.

Ghalkemm Abela xehed li l-kumpanija konvenuta m'ghandiex x'taqsam mat-turizmu, meta xehed hu semma li apparti dina l-kawza hu kellu kawzi ohra fejn lukandi ohra kienu qeghdin jitolbuh il-hlas ta' flus ghal *reservations* li kienu ghamlu. Hu qal li kien issettilja maghhom. Dan juri li fil-fatt l-konvenuti kienu attwalment jiddiljaw fit-turizmu u mhux kif qed jipprova jaghti *ad intendere* Abela.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenuti qatt infurmaw lill-atturi li t-talba ghall-allogg kienet qed issir ghal xi hadd iehor jew minn xi hadd iehor jew li huma kienu qed jidhru biss bhala agenti jew bhala rapprezentanti ta' xi persuna ohra, kif huwa l-obbligu ta' kull agent skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 54(1) Kodici Kummercjali. L-atturi kienu jafulill-konvenuti biss.

*The agent is bound to furnish to the third party every information as to the extent of the authority conferred on him by the principal and, if the third party so requires, the agent is bound to deliver to such third party a declaration duly signed by him to the effect that a given transaction is comprised within the said authority.*

Fin-nuqqas ta' dina l-informazzjoni, l-atturi kienu gustifikati li jahsbu li l-konvenuti kienu qed jagixxu f'isem il-kumpanija taghhom u ghal hadd aktar.

(Ara wkoll sentenza Kum SC 19/1/82 Dr. M. Decesare vs M. Portelli.)

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,811.50.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**

QORTI CIVILI PRIM AWLA

ONOR.

IMHALLEF. DR.GEOFFREY VALENZIA BA LL.D

Citaz Nru:2378/00/GV/1

Doc 169 -01

Galaxy Holiday Resorts Limited

vs

Imnarja Ventures Limited

Illum 14 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,

PRELIMINARI

Rat citazzjoni..

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 15;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

TALBA

L-atturi qed jitlobu li dina l-Qorti

tiddeciedi skond it-talba bis-dispens tas-smiegh. Dina t-talba ma ntlaqatx billi l-konvenuti nghataw zmien biex jaghmlu l-eccezzjonijiet

taghhom.

L-atturi talbu wkoll li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' LM 2811.50.

ECCEZZJONIJIET

Il-konvenuti eccepew

dwar l-ewwel eccezzjoni Dr.Vassallo kien talab s-sostituzzjoni ta-dikjarazzjoni guramentata mac-citazzjoni billi saret bi zball u dina giet sostitwita b'dikjarazzjoni ohra a fol 14.

Fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li l-ammont jekk stess huwa dovut mhux mis-socjeta konvenuta billi dina m'ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.

PROVI

Martin Farrugia Randon xehed li hu jahdem bhala sales manager mas-socjeta attrici. Il-konvenuti kienu handling agents u tour operators u kienu jgibu gruppi ta' turisti u individwi mir-Russja. Kienu jaghmlu reservations fil-lukanda taghhom imbaghad f'daqqa wahda waqfu milli jhallsu. Huma kienu jhallsu on account b'cheques ta' Imnarja Ventures. Personalment kien jinnegozja ma Joe Abela li huwa

direttur ta' Imnarja Ventures. Kellu mieghu lit-tifel tieghu Daniel u impjegati ohra u kellhom ufficju Qui Si Sana. Hu kien icempel lill Abela u dana kien ighidlu li l-flus qeghdin ir-Russja. L-ammont li qed jitolbu hu ghal perjodu 1998-1999. Abela qatt ma nnega li ghandu jaghtina, imma semma biss il-kwistjoni tal-flus Russi li waqalhom il-valur. Hu esebixxa korrispondenza li ghaddiet bejnithom li tinkludi invoices, statements u reservations li saru minn Imnarja Ventures.

Fuq kontroezami wiegeb li kien hemm arrangament bil-miktub bejnithom. Hu kien jiftiehem mas-Sur Abela u mar-rapprezentanti tieghu, bhat tifel tieghu. Hu kien jiltaqa mas Sur Abela kemm fl-ufficju tieghu kif ukoll fl-ufficju ta' Imnarja Ventures. Huma kienu jircievu r-reservations minghand Imnarja Ventures u dejjem iffirmati minn Joe Abela u l-impjegati tieghu.

Joe Abela xehed li hu sole director ta' Imnarja Ventures Ltd. Hu m'ghandux records ta' Imnarja Voyage ghalkemm hemm il-firem tieghu fuq l-invoices. Imnarja Voyage hija kumpanija maghmula minn partners Russi. Dawn kienu joperaw mill-ufficju ta' l-Imnarja Ventures. Kellhom kamra fl-ufficju tieghu. Kienet kamra separata. Hu kellu computer network fl-ufficju u ma kienx jistenna li Aliona Elzarova ser tibghat fuq Imnarja Ventures. Daniel Abela kien jahdem fis-sajf. Kien jahdem mar-Russi. L-invoices iffirmati minn Daniel Abela qeghdin fuq Imnarja Ventures bi zball. Ota International kienu talbu biex jaghmel payments mill-account tieghu ghax huma ma kellhomx account

hawnhekk.

Fuq kontroezami wiegeb li meta jirceievi flus minn Moscow hu jhallas. Imnarja Venture m’’ghandiex x’taqsam mat-turizmu. L-invoices li hargu fuq Imnarja Ventures hargu bi zball. Hemm voucher ukoll iffirmat minnu.

KONSIDERAZZJONIJIET

Martin Farrugia Randon xehed li r-reservations kienu jsiru mill-konvenuti. Hu dejjem innegozja ma’ Joe Abela. Dan fil-fatt kien ihallas on account tar-reservations li jkun ghamel b’cheques tal-Imnarja Ventures (ara fol 26). Hu kien ukoll jinnegozja mat-tifel tieghu Daniel u mal-impjegati tal-konvenut li kienu jahdmu fl-ufficju ta’ Qui si sana. Abela qatt ma cahad li kellu jaghtih imma kien ighidlu biss li kien qed jistenna flus mir-Russja u li l-valur tar-rublu kien waqa’. Abela fix-xhieda tieghu ighid li meta jaslu l-flus mir-Russia hu jhallas.

L-atturi ezibew invoices, statements u reservations li saru minn Imnarja Ventures u ftit minnhom anke ffirmati minn Joe Abela stess (ara fol 40). Dawn kienu ghall-akkomodazzjoni ghal turisti mentri fix-xhieda tieghu Abela ighid li Imnarja Ventures mhiex imdahhla fit-turizmu. Il-konvenut qed isostni wkoll li r-reservations li hargu minn Imnarja Ventures hargu bi zball. Dan pero mhux verosimili billi r-reservations saru aktar minn darba. Ara per ezempju r-reservations

ta’ Imnarja Ventures Ltd a fol 28,29 minn Bella Giordimaina mill-ufficju taghhom. Saru wkoll reservations minn Imnarja Ventures Ltd a fol 35,39,45 minn Elizarova Aliona; reservation minn Joe Abela stess ghan nom ta’ Imnarja Ventures Ltd a fol 40.

Saru wkoll reservations minn Imnarja Voyage Ltd a fol 30, 31,36 (Aliona); a fol 32,37 (Daniel Abela); a fol 33,34,38,41 (Andrey Shastin) u minn Ota International a fol 43,44.

Dwar ir-reservations minn Imnarja Voyage, il-konvenut qal li dawn hadulu t-template. Dawn kienu jahdmu fl-ufficju tal-konvenut, u l-atturi m’ghandhomx x’jaqsmu xejn ma dak li gara. Din hi haga, li jekk verament grat, ghandhu jaraha l-konvenut maghhom u mhux ma’ l-atturi.

Dwar l-Ota International il-konvenut xehed li hu kien jaghmel pagamenti ghan nom taghhom ghax dawn ma kellhomx account Malta. L-istess haga jista jinghad hawnhekk billi l-atturi kienu qed jinnegozjaw ma Joe Abela u lilu biss kienu jafu u kien hu li qed jordna u jhallas. L-atturi qatt ma kellhom relazzjoni ma’ Ota.
Ghalkemm Abela xehed li l-kumpanija konvenuta m’ghandiex x’taqsam mat-turizmu, meta xehed hu semma li apparti dina l-kawza hu kellu kawzi ohra fejn lukandi ohra kienu qeghdin jitolbuh il-hlas ta’ flus ghal reservations li kienu ghamlu. Hu qal li kien issettilja maghhom. Dan juri li fil-fatt l-konvenuti kienu attwalment jiddiljaw

fit-turizmu u mhux kif qed jipprova jaghti ad intendere Abela.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenuti qatt infurmaw lill-atturi li t-talba ghall-allogg kienet qed issir ghal xi hadd iehor jew minn xi hadd iehor jew li huma kienu qed jidhru biss bhala agenti jew bhala rapprezentanti ta' xi persuna ohra, kif huwa l-obbligu ta' kull agent skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 54(1) Kodici Kummercjali. L-atturi kienu jaf lill konvenuti biss.

The agent is bound to furnish to the third party every information as to the extent of the authority conferred on him by the principal and, if the third party so requires, the agent is bound to deliver to such third party a declaration duly signed by him to the effect that a given transaction is comprised within the said authority.

Fin-nuqqas ta' dina l-informazzjoni, l-atturi kienu gustifikati li jahsbu li l-konvenuti kienu qed jagixxu f'isem il-kumpanija taghhom u ghall hadd aktar.

(Ara wkoll sentenza Kum SC 19/1/82 Dr.M.Deceasre vs M.Portelli.)

DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet

tal-konvenuti, tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,811.50.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**